RIĊERKA UNIKA DWAR IT-TIENI GWERRA DINIJA

# ĦSIEB DWAR IL-KTIEB IL-QILLA TAL-GWERRA FUQ GĦAWDEX 1940-1943 TA' FRANK BEZZINA

EDIZZJONI MKABBRA MINN CHARLES BEZZINA

Il-ġenerazzjonijiet li telgħin iħarsu lejn il-gwerer ta' ħaddieħor u qajla jimmaġinaw dak kollu li għadda minnu pajjiżna meta kien taħt in-nar – l-eħrex attakki tal-għadu. Għandna ħafna dokumenti u anke filmati dwar it-Tieni Gwerra dinija u lkoll lkoll nafu bit-tiġrif li sofriet Gżiritna. Xi kunsilli qed jiddeċiedu b'mod tajjeb li jagħmlu restawr ta' xelters u bini ieħor marbut mat-tieni gwerra dinija. Kien hawn vojt kbir pero' dwar kif intlaqtet fil-gwerra, l-gżira tat-tliet għoljiet. In-nuqqas ta' dan ifisser nuqqas fil-kompletezza tar-riċekra. Kien dan li xpruna lil Frank Zammit, snin ilu biex jindaga fuq din ir-riċerka u fl-1977 ħareġ l-ewwel ktieb "Il-Qilla tal-Gwerra fuq Għawdex 1940-1943". Erba' snin wara, fl-1981 ippubblika "Għawdex fi Żmien il-Gwerra."

Charles ibnu, daħal għal din il-biċċa xogħol kbira billi għaqqad dawn iż-żewġ kotba imma b'libsa aġġornata u professjonali. Dan għamlu waqt li baqa' leali għar-riċerka oriġinali ta' missieru. Dan il-ktieb jinqasam f'żewġ taqsimiet prinċipali: L-ewwel taqsima hija bħal djarju t'Għawdex fil-gwerra. Xahar b'xahar jirrakonta diversi ġrajjiet ta' familji li batew fil-gwerra. Insibu dwar l-attakki bil-bombi x-Xagħra, San Lawrenz u forsi l-eħrex fosthom f'Ta' Sannat. Xi rakkonti li nsibu huma interessanti mmens. X'ġara meta sabu mina u l-vapur ma ħadimx?

It-tieni taqsima tidħol fl-aspett soċjali informazzjoni siewja ħafna dwar l-effetti tal-għadu fuq il-ħajja ta' kuljum tal-Għawdxin. Aspett interessanti huwa l-effett tal-migrazzjoni tal-Maltin li fittxew il-kenn f'Għawdex. Xi wħud komplew dawru r-rota ekonomika speċjalment dawk li kienu tat-tajjeb. Naraw l-effett tal-black market u kif kienu jgħixu s-suldati fost oħrajn.

Fost it-temi l-aktar li dehrli li jispikkaw li xtaqt noħroġ minn dawn il-ktieb hemm dawn li ġejjin:

## Sorsi diretti

L-aktar aspett li fil-fehma tiegħi jagħti valur lil dan il-ktieb huwa s-sorsi diretti ta' ismijiet, dettalji u ritratti fosthom ta' bini mġarraf f'Għawdex u ta'nies prominenti li ħadmu fil-Gżira Għawdxija fi żmien il-gwerra. Frank Zammit iltaqa' ma' bosta' persuni li taw l-esperjenza diretta tagħhom fil-gwerra. Huwa stess ra b'għajnejh numru ta' Maltin jirfsu f'Għawdex għall-ewwel darba waqt li kien it-Tokk, nhar l-Erbgħa, 12 ta' Ġunju 1940. Dawn in-noti u anke ritratti li ġabar Frank Bezzina fil-fehma tiegħi huma l-qofol ta' dan il-ktieb.

## Djarju t'Għawdex fil-Gwerra

Dan il-ktieb ta' riċerka nistgħu nqisuh bħala djarju t'Għawdex fil-Gwerra fejn prattikament jirrakonta sena b'sena u u xahar b'xahar, dak kollu li seħħ f'Għawdex riżultat dirett tal-ħidma tal-għadu.

Forsi wieħed jargumenta li f'Għawdex ma kienx hemm il-port u l-bażijiet militari kif konna nsibu fl-inħawi tal-port il-kbir. Madankollu ma ninsewx l-attakki fuq id-dgħajjes tal-latini fost oħrajn. L-irħula kwieti Għawdxin kienu jitheżżu wkoll wara xi ħbit aħrax li kien iħalli tiġrif u vittmi bħalma ġara fin-Nadur, f' Għajnsielem, ix-Xagħra, fi Pjazza Savina r-Rabat. l-agħar wieħed huwa dak f'Ta' Sannat, li hu jirrakkonta b'tant dettal. Bezzina tant jidħol fi preċiżjoni li jsemmi saħansitra l-ħinijiet ta' dawn l-attakki. L-aktar xahar krudil, kif uħud għadhom jiftakru, kien ix-xahar ta' April 1942 fejn mtul dak ix-xahar saru madwar 282 allarm mill-ajru.




Insibu wkoll l-ismijiet tal-Għawdxin kollha, 168 b'kollox, li nqatlu fil-gwerra f'Għawdex. Il-maġġoranza, tilfu ħajjithom mgħarrqa meta kien jaħdmu bħala baħħara fuq vapuri merkantili.

## Il-ħajja soċjali f'Għawdex

Meta Frank Bezzina kien idur m'Għawdex biex jiġbor it-tagħrif meħtieġ għar-riċekra tiegħu ma kienx jinteressah biss minn dawk li ntlaqqtu ħażin fil-gwerra, bħal ngħidu aħna weġġgħu jew tilfu djarhom, imma anke ta' dawk li kellhom xi rwol matul dan il-perjodu kiefer. Kif wieħed jista' jimmaġina kellna numru kbir ta' refuġjati li telgħu minn Malta u xi wħud, speċjalment dawk li kienu tat-tajjeb, tejbu l-ħajja mhux ftit. Marsalforn kien wieħed minn dawk l-irħula li kiber ġmielu matul dawn iż-żminijiet.

Naturalment il-il-popolazzjoni Għawdxija kibret mhux ftit, tant li skont ċensiment li kien sar fl-1942 din kienet qabżet id-29,500.

Fost il-Maltin li sabu refuġju f'Għawdex f'dan il-ktieb jissemmew bosta nies prominenti. Jissemma fost oħrajn l-Avukat Carmelo Mifsud Bonnici li l-ewwel familja minn Bormla lejn Wied il-Għajn imma imbagħad telaq lejn Għawdex. F'intervista ma' Charles Bezzina minn Charles B.Spiteri li dehret fil-ġurnal Kullħadd ta' 2 t' Awwissu 2020, Bezzina qal li "Fuq il-vapur lejn Għawdex, Carmelo, iltaqa' ma' qassis li offrielu post żgħir bi ftit kmamar ħde-